MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta 6 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru: 275/2016/1 LM

**Jesmond Friggieri (K.I. 8370M)**
***(L-appellant)***

***vs.***

**Ian Fitzpatrick (K.I. 46378M)**
***(L-appellat)***

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Jesmond Friggieri** [minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent" jew "l-appellant"] mis-sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru, 2018, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha

ddeċieda li filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, laqa' t-talba tar-rikorrent limitatament għas-somma ta' sittin Euro (€60) oltre l-VAT u bl-imgħaxijiet li kellhom jiddekorru mid-data ta' dik is-sentenza appellata sad-data tal-ħlas effettiv.

**Fatti**

2. Il-fatti ta' dan l-appell jirrigwardaw ħlas għal servizzi reżi mir-rikorrent lill-intimat. Ir-rikorrent jissottometti li huwa aċċetta li jitħallas b'rata inqas minn dik li s-soltu jitlob lil ħaddieħor peress li l-intimat kien wegħdu li huwa kien ser jirċievi ċertifikat ta' Assessur u ta' Verifikatur mis-*City & Guilds,* iżda min-naħa tiegħu l-intimat **Ian Fitzpatrick** qed jinnega li dan kien il-ftehim ta' bejniethom. Meta l-intimat waqa' lura fil-pagamenti għas-servizzi reżi skont it-talba tar-rikorrent[1] u dan tal-aħħar ukoll baqa' ma rċieva l-ebda ċertifikat, ir-rikorrent bagħat fattura[2] oħra fejn talab il-ħlas tad-differenza bejn ir-rata miftiehma u dik ir-rata li biha s-soltu kien jitħallas mingħand terzi għal dawk is-servizzi li diġà kien tħallas tagħhom. Talab ukoll il-ħlas ta' dawk is-sigħat li ma kienx għadu tħallas tagħhom u dan bir-rata għolja.

**Mertu**

3. Ir-rikorrent istitwixxa dawn il-proċeduri kontra l-intimat permezz tal-preżentata ta' avviż fejn talab lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat iħallsu

[1] Ara fatturi *a fol* 23 u 24 tal-proċess.
[2] *A fol.* 22.

s-somma ta' erbat elef disa' mija ħamsa u disgħin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€4,925.45) għal servizzi reżi.

4. L-intimat ippreżenta r-Risposta tal-Appell tiegħu fejn eċċepixxa s-segwenti:

*"1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, it-talba tal-attur hija preskritta ai termini tal-artikoli 2149(c) stante li s-servizzi allegatament reżi twettqu sal-aħħar ta' Lulju 2013.*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-konvenut ma jistax jifhem il-bażi tal-kawża odjerna fuq l-ammont ta' €4,925.45 meta l-kuntratt oriġinali bejn il-partijiet li sar fl-2012 kien ikkalkulat fuq €10.00 is-siegħa għal-superviżjoni u €15.00 is-siegħa għat-tagħlim li kellu jsir.*

*3. Illi l-konvenut jikkontendi li dan kien kors marbut ma żmien stipulat mill-ETC peress li kien mħallas minn fondi Ewropej, liema fondi ilhom żmien li ngħalqu u liema żmien għalaq fit-30 ta' Settembru 2013.*

*4. Salv eċċezzjonijiet oħra."*

## Is-Sentenza Appellata

5. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-11 ta' Ottubru, 2018, fejn ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat u laqa' limitatament it-talbiet tar-rikorrent, it-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"It-tieni eċċezzjoni tal-konvenut***

*Illi dan it-Tribunal f'din il-kawża jqis li jkun utli li tiġi trattata t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut qabel dik tal-preskrizzjoni stante li hija eċċezzjoni ta' natura proċedurali li*

*l-eżitu tagħha tista' timpingi fuq l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-istess konvenut.*

*Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-konvenut qed jeċċepixxi hekk: li mingħajr preġudizzju għas-suespost il-konvenut ma jistax jifhem il-bażi tal-kawża odjerna fuq l-ammont ta' erbat elef disa' mija u ħamsa u għoxrin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€4,925.45c) meta l-kuntratt oriġinali bejn il-partijiet sar fl-2012 kien ikkalkulat fuq għaxar Euro (€10.00) is-siegħa għal superviżjoni u ħmistax-il Euro (€15.00) is-siegħa għat-tagħlim li kellu jsir; li l-konvenut jikkontendi li dan kien kors marbut maż-żmien stipulat mill-ETC peress li kien imħallas minn fondi Ewropej liema fondi ilhom żmien li ngħalqu u liema żmien għalaq fit-30 ta' Settembru, 2013.*

*Fl-Avviż tat-Talba l-attur isemmi l-ammont dovut fl-ewwel faċċata tal-istess avviż iżda ma jsemmi xejn x'qed jitlob f'din l-kawża. Li għalhekk dan it-Tribunal ma kienx f'pożizzjoni jiddeduċi huwa r-raguni għat-talba tal-attur ħlief fl-istadju ta' meta instemgħu l-provi.*

*Dan it-Tribunal għalhekk sejjer jikkunsidra jilqax it-talba, jekk din tabilħaqq tirriżulta, kollha jew in parti, a bażi tal-ekwipollenza. Għax kif qalet tajjeb f'sentenza riċenti l-Onorabbli Qorti tal-Appell (per Onor Imħallef P Sciberras* ***In Re Design Elements Limited vs Michael P. Camilleri pro et noe – 20-10-2004)****:*

*Ikun forsi opportun jekk għal darba oħra, kif ġja kellha okkażjoni tagħmel f'deċiżjonijiet oħra, din il-Qorti tirribadixxi certi prinċipji ġenerali li jgħoddu qabel ma tinoltra ruħha fl-eżami tal-aggravji u tar-risposta għalihom.*

1. *Hu ritwalment rikjest bl-Artikolu 156(1) tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili illi l-oġġett u r-raġuni tat-talba fiċ-ċitazzjoni għandhom ikunu mfissra ċar u sewwa u in linea ta' prinċipju dawn ma jistgħux jiġu mibdula jew aġġunti. Tant li jinsab enunċjat f'bosta sentenzi illi l-qorti għandha toqgħod għat-talba kif tkun ġiet imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni, u ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta, imma li ma jkunx jidħol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni, u ma tistax tiddeċiedi fuq xi dritt ieħor li jkun jirriżulta, imma li ma jkunx jidħol sewwa fit-talba kif imfissra fl-att taċ-ċitazzjoni (****Kollez Vol XXXIX pI p243****). Fi kliem ieħor il-kawżali tad-domanda hija dik espressa fiċ-ċitazzjoni u mhux leċitu li l-kawża tiġi maqtugħa fuq kawżali differenti minn dik espressa fiċ-ċitazzjoni (****Kollez Vol. XXXIV pI p108)****.*
2. *Ġie però enunċiat ukoll illi f'każ li mill-fatti tal-kawża tirriżulta kawżali diversa minn dik dedotta fiċ-ċitazzjoni il-Qorti hi fakoltizzata li, fejn jokkorrilha, tipprovdi fuq il-meritu in bażi għall-kriterju ta' ekwipollenza jekk jinstab li hemm ekwivalenza loġika u bastanti biex wieħed ma jinkorriex f'nullità (****Kollez Vol XXIXpII p698; Vol***

*__XLVIII pII p777)__. Dan in omaġġ għal dak il-ħsieb ispiratur, traċċjat f'bosta deċiżjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoraġixxi l-formaliżmu riġidu li "si attaccava con troppo severità e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'ammistrazione della giustizia in generale" (__Kollez Vol XXVI pI p424)__. U allura kien sostnut, "nulla osta a che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere dei rapporti giuridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite, nello scopo di provvedere perché restino liquidati, se il caso cosi esigesse per la retta amministrazione della giustizia" (__Kollez Vol X paġna 1)__.*

3. *Aktar fondamentali minnhekk hu l-fatt illi l-Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili ta' sede Inferjuri mhix marbuta bil-kawżali tal-avviż. Dan hu deżunt bl-aktar mod ċar mit-test tal-lġi proċedurali kif espress fl-Artikolu 213 tal-Kap. 12 abbinat ukoll mal-Artikolu 171 (1) tal-istess Kap. "Trattandosi di domanda introdotta per avviso nella Corte Inferiore la legge è meno rigorosa quanto alla forma della stessa, che se fosse introdotta in una Corte Superiore" (__Kollez Vol XXIV pI p615__). Ifisser għalhekk li l-pretensjoni tista' tkun artikolata bi kwalunkwe forma intelligibili, "e su tale domanda la Corte procede "sola facti vertate inspecta", applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che la domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi una Corte Superiore" (__Kollez Vol XII pagna 316__)."*

*Għalkemm ir-regoli tal-Kap 12 ma japplikawx għal dan it-Tribunal għajr fejn espressament speċifikat, huwa intuwittiv li l-proċedura quddiemu m'għandha qatt tkun saħansitra iktar formali minn dik veljanti quddiem il-Qrati Inferjuri, u għalhekk it-tagħlim tal-Qorti tal-Appell fuq ikkwotat għandu japplika wkoll għal dan it-Tribunal, li għandu jżomm il-proċeduri quddiemu sommarji u informali kemm jista' jkun. Anzi, apparti l-ekwipollenza, hemm kunsiderazzjoni oħra: dik li t-Tribunal għandu jaqta' l-kawżi quddiemu a bażi tal-ekwità, sia pure ekwità skont il-ligi.*

*Li mill-atti l-partijiet kollha inkluż dan it-Tribunal fehmu t-talba tal-attur li hija għal ħlas skont rata aktar għolja stante li l-ftehim li kien jorbot lil partijiet ma ġiex affettwat mill-attur u għalhekk skont il-konvenut huwa għandu dritt jitlob r-rata normali tiegħu li hija ogħla minn dak miftiehem.*

*Li għalhekk tali eċċezzjoni qed tigi miċħuda.*

***Eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni***

*Il-konvenut qed jiċċepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn a bażi tal-Artikolu 2149(c) tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:*

*"L-azzjonijiet ta' avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu". Ta' min jissenjala illi l-kliem ġeneriċi fl-aħħar parti tad-disposizzjonijiet ġew imwessgħa biex jinkludu kategoriji oħra ta' professjonijiet u ta' persuni li għandhom vokazzjonijiet partikolari. Ad eżempju, l-awdituri, kif attestat fis-sentenza fl-ismijiet "***Stuart G. Craig*** **et nomine** ***-vs- George Mifsud nominę***", *Appell, 27 ta' Marzu, 1998, u, fejn, inċidentalment ukoll, ġiet minn dik il-Qorti akkolta l-preskrizzjoni opposta a tenur tal-Artikolu 2149(c).*

*Jingħad però li a bażi tal-iskorta tas-sentenza "****John R. Portelli*** **nomine -vs-** ***Wallace Fino*** **et nomine**", Appell, 07 ta' Ottubru, 1997, *ma tistax teżerċita* per se *arti liberali.*

*Tinsorġi għalhekk id-domanda jekk f'dan il-każ partikolari x-xorta ta' servizz ipprestat kienx tali li jattira lejh il-karattru dispositiv tal-preskrizzjoni in kwantu għat-tipiċità tiegħu skont it-termini tal-Artikolu 2149 (c) tal-Kodiċi Ċivili;*

*Issa minn eżami interpretattiv tal-predett provvediment tal-liġi hi l-fehma tal-Qorti illi, meta l-liġi tirreferi għall-"persuni oħra li jeżerċitaw professioni jew arti liberali oħra", din l-espressjoni tikkomprendi dawk il-professjonijiet liberi li fl-attività tagħhom jipprestaw opra intellettuali jew krejattiva, ossija l-impjieg ta' intelliġenza jew ta' kultura speċifika fil-kamp partikolari, bi prevalenza fuq l-użu eventwali ta' xi xogħol manwali. Kontrattazzjoni ta' din l-ispeċi ċertament tinvolvi obbligazzjoni mill-prestatur li jagħti riżultat bil-konsenja tal-*opus. *Ta' din ix-xeħta huma l-ipotesijiet kollha kkontemplati fl-Artikolu 2149 fejn għandek il-prevalenza tal-*locatio d'operis *kif definiti fl-Artikolu 1623 tal-Kodiċi Ċivili. Hekk b'illustrazzjoni jinsab ritenut illi d-disposizzjoni relattiva (Artikolu 2149) tireferixxi għall-kredituri ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulatur u li aktar minn opra jipprestaw* opus. *Ara in referenza għall-ipotesi taħt l-inċiż (a) is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-4 ta' Marzu, 1958 fl-ismijiet "****Domenico Bezzina*** **proprio et nomine** ***-vs- John Said***"*. Ingħad fiha illi l-attur kien jeżerċita impriża ta' inġenerija u jispekula fuq l-opra tal-impjegati tiegħu, u ma pprestax biss l-opra tiegħu għall-konvenut, imma għamel xogħol ("opus") konsistenti fit-twaqqif ta' "*Merry-go-Round";

*Fil-każ taħt skrutinju l-attur ippresta servizzi ta' għalliem u l-għalliem huwa kunsidrat bħala professjonist, l-Artikolu 2149(c)japplika għal professjoni li għandu l-attur ukoll.*

*Illi għalhekk it-tieni punt li jrid jiġi deċiż huwa dwar id-difiża tal-attur kontra l-preskrizzjoni eċċepita billi jsostni li f'kull każ il-preskrizzjoni lanqas tista' tiġi akkolta in kwantu din hi nkompatibbli mal-email li bagħtlu l-konvenut li fihom talbu żmien*

*biex iħallas. Huwa jirreferi għal diversi e-mails li nbagħtu mill-konvenut fosthom dik a fol 63 li hija email datata 14 ta' Lulju, 2018 kien infurmah biex jieħu ftit aktar paċenzja sabiex il-materja tiġi riżolta u jsir il-ħlas stante li kellu problemi kemm mas-City & Guilds kif ukoll mal-ETC, u li għalhekk skont hu, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tiġi akkolta.*

*F'dan ir-rigward it-Tribunal jiċċita f'dan ir-rigward id-deċiżjonijiet a* ***Vol XXVI pI p441, Vol XXXII pI p639,*** *u dik l-oħra fl-ismijiet "****Anthony Guillaumier -vs- Joseph Cassar Aveta noe"****, Appell, 09 ta' Diċembru, 1998. Ma' dawn jistgħu jiżdiedu d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet "****Antonia Attard Ġialanze -vs- Emmanuel Rizzo et****", Sede Inferjuri, 29 ta' Jannar, 1998 u dik fl-ismijiet "****Victor Calleja noe -vs- Nazzareno Vassallo et noe****", Appell, 05 ta' Ottubru, 1998 li fihom jagħtu raġun lill-attur.*

*Issa l-kors beda fis-sena 2012 u spiċċa fis-sena 2013 u l-ewwel invoice mibgħuta mill-attur hija datata 02 ta' Lulju, 2013 (fol 24), it-tieni waħda fit-18 ta' Mejju, 2013 u t-tielet waħda fit-22 ta' Mejju, 2014. F'din l-aħħar invoice a fol 22 hemm imniżżel li x-xogħol sar l-aħħar f'Lulju, 2013. Jiġifieri li minn Lulju, 2013 bdiet tirrikorri l-preskrizzjoni ta' sentejn.*

*Mill-emails esebiti mill-atturi jirriżulta li r-reminders bdew jintbagħtu mit-13 ta' Settembru, 2014 (fol 60) u kien fit-13 ta' Settembru, 2014 li l-attur iddeċieda li l-ftehim li kellhom l-partijiet spiċċa stante li l-konvenut ma żammx kelmtu u ddeċieda huwa li jibda japplika l-ogħla rata. L-email oħra esebiti a fol 62 ma jidhirx li l-konvenut ikkontesta l-ammont anzi dejjem informa lill-attur biex jieħu ftit paċenzja għal ħlas.*

*Li għalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma li ġaladarba l-konvenut aċċetta li għandu jħallas kif jirriżulta minn diversi e-mails esebiti mill-attur u mhux kontestati mill-konvenut, l-attur għandu raġun meta jgħid li din l-eċċezzjoni tal-konvenut ma tistax tiġi milqugħa.*

***L-ammont dovut***

*Dwar l-ammont dovut però dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-attur meta minn rajh biddel ir-rati tas-sigħat tax-xogħol tiegħu meta ma pproduċa ebda ftehim bejn il-partijiet li juri li setgħa jagħmel dan kemm-il darba ċ-ċertifikat imwiegħed ma jasalx.*

Li għalhekk dan it-Tribunal ma jistax jaqbel mal-attur meta jgħid li ġaladarba l-konvenut ma onorax il-ftehim huwa ser jitlob rata ogħla. Minn fol 22 jirriżulta li

huwa tħallas bir-rata ta' għaxar ewro (€10) is-siegħa għal mitejn u disgħa (209) siegħa, għal tmintax punt ħames (18.5) sigħat iżda jirriżulta li ma tħallas xejn għal sitt (6) sigħat. Li għalhekk dan it-Tribunal jista' jordna li l-konvenut iħallas lill-attur biss sittin ewro (€60) plus VAT għal dawn is-sigħat li huwa qatt ma tħallas tagħhom."

## L-Appell

6. Ir-rikorrent ippreżenta r-Rikors tal-Appell tiegħu fil-31 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn ġew miċħuda l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, iżda tħassar u tirrevoka l-bqija tagħha filwaqt li tilqa' t-talbiet tiegħu kollha. Huwa qal li jħoss ruħu aggravat b'dik id-deċiżjoni għaliex: (a) it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi; u (b) ġaladarba ma ngħatax iċ-ċertifikat imwiegħed, allura huwa kellu d-dritt li jitħallas d-differenza bejn it-tariffa ridotta u dik li s-soltu kien jitħallas biha.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. Fir-Risposta tal-Appell l-intimat jissottometti li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li l-appell kellu jiġi miċħud għar-raġunijiet imfissra fl-istess risposta.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-appell tar-rikorrent, flimkien mar-risposta tal-intimat, fid-dawl tas-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju: apprezzament ħażin tal-provi*

9. Ir-rikorrenti qed isostni li t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li kien dovut lilu dak l-ammont rappreżentanti sitt sigħat xogħol biss. Jispjega li l-ammont totali dovut lilu kien dak li jirriżulta mit-tliet fatturi li tagħhom l-intimat kien naqas milli jagħmel id-dovut pagament. Dawn kienu l-fatturi *a fol*. 23 u 24[3] rappreżentanti d-dritt tiegħu bit-tariffa ridotta għal servizzi reżi, u hawn ir-rikorrent jagħmel riferiment għax-xhieda tiegħu *a fol.* 16 u 18[4], kif ukoll il-fattura *a fol*. 22[5] rappreżentanti d-differenza bejn it-tariffa ridotta u dik li s-soltu kien jitħallas biha. Min-naħa tiegħu, jirrileva r-rikorrent, l-intimat ma ressaq l-ebda oppożizzjoni għall-ħlas tagħhom għajr l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Għalhekk it-Tribunal kien naqas milli jikkunsidra li kien hemm dovut is-somma ta' €834.85 skont iż-żewġ fatturi *a fol.* 23 u 24.[6]

10. L-intimat iwieġeb billi jgħid li kuntrarjament għal dak li qed jissottometti r-rikorrent, it-Tribunal eżamina l-provi bir-reqqa u kien sempliċement ma qabilx mar-rikorrent. Jispjega li r-rati tal-ħlas kienu ġew miftiehma bejn il-partijiet mingħajr kundizzjonijiet u saħansitra r-rikorrenti kien qed jaċċetta l-ħlas skont dak il-ftehim. Hawnhekk l-intimat jiċċita dak li qal it-Tribunal fir-rigward, jiġifieri li r-rikorrent ma setax minn rajh ibiddel ir-rata tal-ħlas fin-nuqqas ta' ftehim li kien jawtorizzah jagħmel hekk.

---

[3] Tal-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti.
[4] *Ibid.*
[5] *Ibid.*
[6] *Ibid.*

11. It-Tribunal qal fis-sentenza appellata li minn *fol.* 22[7] jirriżulta li għalkemm ir-rikorrent tħallas bir-rata ta' għaxar Euro (€10) fis-siegħa għal mitejn u disgħa (209) siegħa u bir-rata ta' ħmistax-il Euro (€15) fis-siegħa għal tmintax punt ħames (18.5) sigħat, ma rċieva l-ebda ħlas għal sitt (6) sigħat. B'hekk it-Tribunal ordna li jitħallas l-ammont ta' sittin Euro (€60) kif ukoll il-VAT.

12. Din il-Qorti ssib li r-rikorrent appellant għandu raġun u t-Tribunal kien żbaljat meta ddeċieda li r-rikorrent ma kienx tħallas għal sitt (6) sigħat biss. Tosserva li fil-fattura *a fol.* 22, minbarra dawk is-sitt sigħat li l-ħlas tagħhom inħaddem bir-rata ta' €25, hemm imniżżla sigħat ta' xogħol li diġà tħallas tagħhom ir-rikorrent, iżda hawnhekk qiegħda tintalab id-differenza bejn ir-rata miftiehma u dik li s-soltu r-rikorrent kien jitħallas biha. Imbagħad is-sigħat indikati fil-fatturi 23 u 24[8] huma kollha sigħat maħduma u li għalihom qed jintalab ħlas skont ir-rati patwiti. Il-Qorti tosserva li min-naħa tiegħu l-intimat ma ġab l-ebda prova li huwa kien ħallas dawn iż-żewġ fatturi, għalkemm fl-*affidavit*[9] tiegħu jgħid, "*Inkwantu tax-xogħol kellu jsir bilfors qabel ma jispiċċa Settembru tal-2013, jien ma kontx naf b'invoices oħra.*"

13. Għaldaqstant din il-Qorti ssib l-aggravju tar-rikorrent ġustifikat u tilqgħu.

[7] *Ibid.*
[8] *Ibid.*
[9] *A fol.* 73 tal-atti tal-kawża quddiem l-ewwel Qorti..

*It-tieni aggravju: in-nuqqas ta' għoti ta' ċertifikat*

14. Ir-rikorrent jispjega t-tieni aggravju tiegħu billi jgħid li huwa kien offra lill-intimat rata vantaġġjuża għas-servizzi tiegħu għaliex kien ġie mwiegħed li hekk kif hu jespleta l-inkarigu mogħti lilu, huwa kien ser jingħata ċertifikat mingħand s-City & Guilds u b'hekk fil-futur seta' jżid il-valur ta' xogħlu. Dan iċ-ċertifikat baqa' ma ngħatalux u għalkemm l-intimat xehed li l-kors kien ġie ċċertifikat, qatt ma ġab prova dwar dan. Ir-rikorrent jirrileva li l-insistenza da parti tal-intimat li qatt ma kien hemm ftehim bejniethom dwar dan iċ-ċertifikat, tinsab kontradetta bl-*emails* tiegħu stess ikkonfermati wkoll minnu stess bil-ġurament. Għalhekk kuntrarjament għal dak li ġie deċiż mit-Tribunal, ġaladarba l-intimat naqas mill-ftehim, ir-rikorrent kellu kull dritt li jitlob id-differenza rappreżentanti l-valur taċ-ċertifikat.

15. L-intimat jissottometti li qatt ma kien hemm ftehim bejn il-partijiet kif allegat mir-rikorrent u l-valur li ngħata liċ-ċertifikat ingħata b'mod arbitrarju. L-intimat jgħid li fiċ-ċirkostanzi kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jġib prova dwar l-allegat ftehim. L-intimat min-naħa tiegħu kien biss koordinatur tal-kors u ma seta' qatt joħroġ ċertifikat tas-*City & Guilds,* u dan kien jafu r-rikorrent peress li kien attenda diversi laqgħat mar-rappreżentant tagħhom. Ikompli jgħid li hu ma kien ibbenefika mill-ebda rata vantaġġjuża u r-rati dovuta kienu proprju dawk li l-partijiet kienu ftehmu fuqhom. B'hekk it-Tribunal kien wasal għall-unika konklużjoni loġika.

16. It-Tribunal fis-sentenza appellata qal li hu ma kienx qed jaqbel li r-rikorrent seta' minn rajh ibiddel ir-rati tas-sigħat tax-xogħol tiegħu meta ma

kellu l-ebda ftehim mal-intimat li permezz tiegħu huwa seta’ jagħmel dan jekk iċ-ċertifikat imwiegħed ma jasalx.

17. Hawnhekk din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mad-deċiżjoni tat-Tribunal u tgħid li r-rikorrent m’għandux raġun. Fin-nuqqas ta’ ftehim mal-intimat, huwa ma jistax jippretendi li jitħallas b’rata ogħla minn dik miftiehma għas-servizzi diġà reżi kemm jekk imħallsa, kemm jekk mhux imħallsa. Għalhekk sewwa għamel it-Tribunal meta m’aċċettax it-talba tar-rikorrent fir-rigward tal-fattura *a fol.* 22 u laqa’ biss il-pretensjoni tiegħu għall-ħlas ta’ sitt (6) sigħat xogħol iżda dan bir-rata miftiehma ta’ għaxar Euro (€10.00) fis-siegħa.

18. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju tar-rikorrent mhux ġustifikat u tiċħdu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tar-rikorrent billi tilqgħu limitatament u filwaqt li tordna li l-intimat oltre s-somma ta’ sittin Euro (€60.00), flimkien mal-VAT dovut fuq dik is-somma, għandu jħallas ukoll lir-rikorrent is-somma komplessiva ta’ tmien mija erbgħa u tletin Euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€834.85), u tikkonferma fil-bqija s-sentenza appellata.**

**L-imgħaxijiet jiddekorru mid-data tas-sentenza appellata u l-ispejjeż ta’ din l-istanza għandhom jitħallsu mill-intimat u dawk tal-ewwel istanza kif deċiż mit-Tribunal.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**